Dirección General de Producción, Industrias y Calidad Agroalimentaria

Indirizz ta' l-internet:

http://mediorural.xunta.es/externos/borrador_orde_axudas_-adsg_2008.pdf

Tagħrif ieħor:

Indirizzi elettroniċi

dxpica.mediorural@xunta.es
Maria.soledad.castro.diaz@xunta.es

INFORMAZZJONI DWAR L-ISPAZJU EKONOMIKU EWROPEW

AWTORITÀ TA' SORVELJANZA EFTA

Tħabbira min-Norveġja rigward id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet biex jingħataw u jintużaw l-awtorizzazzjonijiet għat-tħaffir, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' l-idrokarboni

Tħabbira ta' stedina għall-applikazzjoni għall-liċenzji tal-produzzjoni taż-żejt mhux raffinat fuq il-Blata Kontinentali Norveġiża — Għotjiet f'Żoni Predefiniti 2008

(2008/C 180/09)

Il-Ministru Norveġiż għaż-Żejt u l-Enerġija qiegħed b'hekk iħabbar l-istedina għall-applikazzjoni għall-liċenzji għall-produzzjoni taż-żejt mhux raffinat fuq il-Blata Kontinentali Norveġiża skond id-direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-kundizzjonijiet biex jingħataw u jintużaw l-awtorizzazzjonijiet għat-tħaffir, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' l-idrokarboni, l-Artikolu 3, il-paragragu 2, l-ittra a)

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji għall-produzzjoni taż-żejt mhux raffinat għandhom jintbagħtu lil:

Ministeru għaż-Żejt u l-Enerġija
P.O. Box 8148 Dep.
N-0033 OSLO

sat-3 ta' Ottubru 2008.

L-għotja tal-liċenzji għall-produzzjoni taż-żejt mhux raffinat għall- l-Għotjiet f'Żoni Predefiniti 2008 fuq il-Blata Kontinentali Norveġiżi għandha ssir lejn l-aħħar tal-2008 u l-bidu tal-2009.

Aktar informazzjoni, inkluża mappa dettaljata taż-żoni disponibbli tista' tinkiseb mill-websajt www.npd.no/apa2008 jew billi jiġi kkuntattjat il-Ministeru għaż-Żejt u l-Enerġija, tel. (47) 22 24 62 09.

Notifika ta' talba skond l-Artikolu 30 tad-Direttiva 2004/17/KE

Talba mingħand Stat taż-ŻEE EFTA

(2008/C 180/10)

Fl-10 ta' Ġunju 2008, l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA rċeviet talba skond l-Artikolu 30(4) ta' l-Att imsemmi fil-punt 4 ta' l-Anness XVI tal-Ftehim taż-ŻEE (*Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi ta' l-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali*) [1]. L-ewwel ġurnata tax-xogħol wara l-wasla tat-talba hija l-11 ta' Ġunju 2008.

Din it-talba, min-Norveġja, hija dwar l-esplorazzjoni jew l-estrazzjoni taż-żejt u l-gass fuq il-Blata Kontinentali Norveġiża kif ukoll dwar it-trasport ta' gass naturali permezz ta' sistema ta' pajpijiet *upstream* lejn dak il-pajjiż. L-Artikolu 30 imsemmi hawn fuq jistipula li l-Att mhux applikabbli meta l-attività fil-kwistjoni tkun direttament esposta għall-kompetizzjoni fi swieq li għalihom l-aċċess mhux ristrett. Dawn il-kundizzjonijiet huma evalwati biss għall-iskopijiet ta' l-Att u huma mingħajr ħsara għall-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni.

L-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA tista' tieħu tliet xhur sabiex tasal għal deċiżjoni dwar din it-talba, li jibdew jiddekorru mill-ġurnata tax-xogħol imsemmija fuq. Il-perjodu għalhekk jiskadi fil-11 ta' Settembru 2008.

Id-dispożizzjonijiet tat-tielet sottoparagrafu tal-paragrafu 4 msemmi hawn fuq mhumiex applikabbli. Għaldaqstant, il-perjodu mħolli lill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA jista' jittawwal bi tliet xhur. Kull estenzjoni bħal din trid tkun ippubblikata.

---

[1] ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1.

Thabbira min-Norveġja rigward id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' l-idrokarburi

Avviż ta' l-istedina għall-applikazzjonijiet għal liċenzji għall-produzzjoni taż-żejt Il-Blata Kontinentali Norveġiża — L-20 Ħruġ ta' Liċenzji

(2008/C 180/11)

Il-Ministeru għaż-Żejt u l-Enerġija Norveġiż b'dan qed joħroġ sejħa għall-applikazzjonijiet għal liċenzji għall-produzzjoni taż-żejt fuq il-Blata Kontinentali Norveġiża skond id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi, Artikolu 3(2)(a) .

Applikazzjonijiet għal liċenzji għall-produzzjoni taż-żejt għandhom jinbagħtu lil:

Il-Ministeru għaż-Żejt u l-Enerġija
Kaxxa Postali 8148 Dep,
N-0033 Oslo

sas-7 ta' Novembru 2008.

L-għotja ta' liċenzji għall-produzzjoni taż-żejt fl-20 Ħruġ tal-Liċenzji għall-Blata Kontinentali Norveġiża hija ppjanata għar-Rebbiegħa ta' l-2009.

Iktar informazzjoni, inklużi mapep dettaljati, tista' tinkiseb billi żżur www.npd.no/20runde jew billi tikkuntattja lill-Ministeru għaż-Żejt u l-l-Enerġija, tel. (47) 22 24 62 09.

V

(Avviżi)

PROĊEDURI TAL-QORTI

QORTI TA' L-EFTA

Emendi għar-regoli tal-proċedura tal-Qorti ta' l-EFTA adottati mill-Qorti fl-20 ta' Settembru 2007 u approvati mill-Gvernijiet ta' l-Istati ta' l-EFTA

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(2008/C 180/12)

Il-QORTI TA' L-EFTA,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim bejn l-Istati ta' l-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità tas-Sorveljanza u l-Qorti tal-Ġustizzja, iffirmat f'Oporto fit-2 ta' Mejju 1992 u, b'mod partikolari, l-Artikolu 43 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Protokoll 5 tal-Ftehim bejn l-Istati ta' l-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità tas-Sorveljanza u l-Qorti tal-Ġustizzja, dwar l-Istatut tal-Qorti, u b'mod partikolari, l-Artikolu 43 tiegħu,

ADOTTAT ID-DEĊIŻJONI LI ĠEJJA LI TEMENDA R-REGOLI TAL-PROĊEDURA TAGĦHA:

Artikolu 1

1. L-Artikolu 31(1) għandu jiġi emendat kif ġej:

"1. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tal-fehma li l-imġiba ta' konsulent jew avukat lejn il-Qorti, Imħallef jew ir-Reġistratur tmur kontra d-dinjità tal-Qorti jew kontra l-eżiġenzi ta' l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja jew li dan il-konsulent jew avukat qed juża d-drittijiet tiegħu għal finijiet differenti minn dawk li għalihom ingħataw dawn id-drittijiet, hija għandha tinforma b'dan lill-parti interessata. Jekk il-Qorti tinforma lill-awtoritajiet kompetenti li għalihom hija suġġetta l-parti interessata, hija għandha tibgħat kopja ta' l-ittra indirizzata lil dawn l-awtoritajiet lill-parti interessata.

Il-Qorti tista', għall-istess raġunijiet, f'kull ħin u wara li tisma' lill-parti interessata, teskludi lill-parti interessata millproċedimenti permezz ta' digriet. Dan id-digriet għandu jkollu effett immedjat."

2. L-Artikolu 32(5) għandu jitħassar.

3. L-Artikolu 32(6) għandu jsir l-Artikolu 32(5) u għandu wkoll jigi emendat kif gej:

"5. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi preċedenti ta' dan l-Artikolu, id-data li fiha kopja ta' l-oriġinal iffirmat ta' att tal-proċedura — inkluża n-nota li telenka l-atti prevista fil-paragrafu 3 — tasal fir-Reġistru permezz ta' faks jew permezz ta' kull mezz tekniku ieħor ta' komunikazzjoni użat mill-Qorti, għandha tiġi meqjusa bħala d-data tal-preżentata għall-finijiet ta' l-osservanza tat-termini talproċedimenti, sakemm l-oriġinal ta' l-att iffirmat, flimkien ma' l-annessi u l-kopji previsti fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, jiġi ddepożitat fir-Reġistru sa mhux aktar tard minn għaxart'ijiem wara.

Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-ewwel subparagrafu talparagrafu 1 u tal-paragrafi 2 sa 4, il-Qorti tista', permezz ta' deċiżjoni, tistabbilixxi l-kriterji li skondhom att ta' proċedura trażmess lir-Reġistru b'mezz elettroniku jitqies bħala l-oriġinal ta' dan il-att. Din id-deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea."

4. L-Artikolu 33(2) għandu jiġi emendat kif ġej:

"2. Għall-finijiet tal-proċedura, ir-rikors għandu jinkludi indirizz għan-notifika fil-post fejn il-Qorti għandha s-sede tagħha u l-isem tal-persuna li ġiet awtorizzata u li aċċettat li tirċievi n-notifiki kollha.

Minbarra, jew minflok, l-indikazzjoni ta' l-indirizz għannotifika prevista fl-ewwel subparagrafu, ir-rikors jista' jispeċifika li l-avukat jew l-aġent jaċċetta li n-notifiki jsirulu permezz ta' faks jew permezz ta' kull mezz tekniku ieħor ta' komunikazzjoni.

Jekk ir-rikors ma jkunx konformi mal-kundizzjonijiet previsti fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi, in-notifiki kollha, għal finijiet tal-proċedura, għandhom isiru lill-parti kkonċernata permezz ta' ittra reġistrata indirizzata lill-aġent jew lill-avukat tal-parti sakemm dan in-nuqqas ma jkunx ġie rregolarizzat. B'deroga għall-Artikolu 79(1), in-notifika għandha tiġi meqjusa li saret debitament bid-depożitu ta' l-ittra reġistrata fl-uffiċċju postali tal-post fejn il-Qorti għandha s-sede tagħha."

5. L-Artikolu 35(1) għandu jiġi emendat kif ġej:

"1. Fi żmien xahar min-notifika tar-rikors, il-konvenut għandu jippreżenta risposta tad-difiża li għandha tiddikjara:

(a) l-isem u l-indirizz tal-konvenut;

(b) l-argumenti ta' fatt u ta' dritt mressqa;

(c) it-talbiet tal-konvenut;

(d) in-natura tal-provi li jkun ser iressaq.

Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 33(2)sa (6) huma applikabbloi għad-difiża."

6. Dan li ġej għandu jiżdied mar-Regoli bħala l-Kapitolu 3a:

"Kapitolu 3a

FUQ IL-PROĊEDURI MĦAFFA

Artikolu 59 a

1. Fuq talba tar-rikorrent jew tal-konvenut, il-President jista', f'każijiet eċċezzjonali, fuq rakkomandazzjoni ta' l-Imħallef Relatur u wara li tinstema' l-kontroparti, jiddeċiedi li l-kawża tiġi deċiża permezz ta' proċedura mħaffa li tidderoga mid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regoli, u dan meta l-urġenza partikolari tal-kawża teżiġi li l-Qorti tiddeċiedi fl-inqas żmien possibbli.

Talba sabiex il-kawża tiġi deċiża permezz tal-proċedura mħaffa għandha tiġi ppreżentata b'att separat f'limkien mal-preżentata tar-rikors promotur tal-kawża jew tar-risposta, skond il-każ.

2. Fil-każ li tiġi applikata l-proċedura mħaffa, ir-rikors promotur u r-risposta ma jistgħux jiġu segwiti b'replika u b'kontroreplika ħlief jekk il-President jidhirlu li dan huwa neċessarju.

L-intervenjent jista' biss jippreżenta sottomissjonijiet ta' l-intervent ħlief jekk il-President jidhirlu li dan huwa neċessarju.

3. Mal-preżentata tar-risposta tad-difiża jew, fil-każ li d-deċiżjoni li l-kawża għandha tiġi deċiża permezz tal-proċedura mħaffa tittieħed biss wara l-preżentata ta' din ir-risposta, mat-teħid ta' din id-deċiżjoni, il-President għandu jistabbilixxi d-data tas-seduta, li għandha tiġi avżata minnufih lill-partijiet. Il-President jista' jiddifferixxi d-data tas-seduta jekk dan huwa meħtieġ mill-organizzazzjoni tal-miżuri istruttorji jew ta' miżuri oħra preparatorji.

Bla ħsara għall-Artikolu 37, il-partijiet jistgħu jissupplementaw l-argumenti tagħhom u jippreżentaw provi ulterjuri matul il-proċedura orali. Huma għandhom jagħtu r-raġunijiet għaliex dawn il-provi ġew ippreżentati tard.

4. L-Artikolu 20 ta' l-Istatut tal-Qorti ta' l-EFTA li jippermetti s-sottomissjoni ta' osservazzjonijiet bil-miktub huwa applikabbli fil-każ tal-proċedura mħaffa."

7. L-Artikolu 71(3) għandu jiġi emendat kif ġej:

"3. Meta l-ispejjeż li huma suġġetti għall-ħlas lura jkunu saru f'valuta li ma tkunx l-euro jew meta l-atti li wasslu għall-kumpens twettqu f'pajjiż fejn il-valuta ma tkunx l-euro, il-kambju tal-valuti għandu jsir skond ir-rati tal-kambju uffiċjali tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-jum tal-ħlas."

8. L-Artikolu 72(3) għandu jiġi emendat kif ġej:

"3. Il-President għandu jaħtar Imħallef Relatur. Il-Qorti għandha, wara li tqis l-osservazzjonijiet bil-miktub tal-kontroparti, tiddeċiedi dwar jekk għandux jingħata l-benefiċċju, sħiħ jew parzjali, ta' l-għajnuna legali bla ħlas. Hija għandha teżamina jekk l-azzjoni hijiex manifestament infondata.

Fil-każ ta' ċaħda totali jew parzjali tal-benefiċċju ta' l-għajnuna legali bla ħlas, id-digriet għandu jinkludi r-raġunijiet għal din iċ-ċaħda."

9. Dan li ġej għandu jkun miżjud ma' l-Artikolu 75 bħala l-paragrafu 4 l-ġdid:

"4. Fil-każ li, skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 33 (2), il-persuna li għandha tiġi nnotifikata tkun aċċettat li n-notifiki jsirulha permezz ta' faks jew permezz ta' kull mezz tekniku ieħor ta' komunikazzjoni, in-notifika ta' kull att tal-proċedura, minbarra sentenza jew digriet tal-Qorti, tista' ssir billi tintbagħat kopja tad-dokument b'dawn il-mezzi.

Jekk, għal raġunijiet tekniċi jew minħabba n-natura jew il-volum ta' l-att, din it-trażmissjoni ma tistax issieħħ, fejn il-persuna li għandha tiġi nnotifikata ma tkunx indikat indirizz għan-notifika, l-att għandu jiġi nnotifikat fl-indirizz ta' l-istess persuna skond il-proċedura prevista fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Il-persuna li għandha tiġi nnotifikata għandha tiġi avżata b'dan permezz ta' faks jew permezz ta' xi mezz tekniku ieħor ta' komunikazzjoni. F'dan il-każ, in-notifika ta' din il-persuna għandha titqies li saret bil-posta reġistrata, fl-għaxar jum wara li l-att ikun ġie ddepożitat fl-uffiċċju postali fejn il-Qorti għandha s-sede tagħha, sakemm l-irċevuta ma tindikax li l-istess persuna rċevietha f'data oħra jew sakemm l-istess persuna ma tinfurmax lir-Reġistratur, fi żmien tliet ġimgħat mill-avviż li jkun sarilha permezz ta' faks jew permezz ta' kull mezz tekniku ieħor ta' komunikazzjoni, li n-notifika ma waslitilhiex."

10. L-Artikolu 88(2) għandu jiġi emendat kif ġej:

"2. *Il-Qorti tista', f'kull waqt* u ex officio*, wara li tisma' l-partijiet, tiddeċiedi dwar l-inammissibbiltà assoluta tar-rikors jew tiddikjara li r-rikors m'għadx għandu skop u li m'għadx hemm lok għal deċiżjoni; id-deċiżjoni għandha tittieħed skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 87(3) u (4) ta' dawn ir-Regoli*."

11. L-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 89(1) għandu jiġi emendat kif ġej:

"1. It-talba għal intervent għandha tiġi ppreżentata mhux aktar tard minn sitt ġimgħat mill-pubblikazzjoni ta' l-avviż imsemmi fl-Artikolu 14(6) ta' dawn ir-Regoli. Talba għal intervent li tiġi ppreżentata wara l-iskadenza ta' dan it-terminu iżda qabel id-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura orali tista' tiġi kkunsidrata. F'dan il-każ, jekk il-President jilqa' t-talba għal intervent, l-intervenjent jista', fuq il-bażi tar-Rapport għas-Seduta li jintbagħtlu, jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu, waqt il-proċedura orali, jekk din tinżamm."

12. L-Artikolu 90(1) għandu jiġi emendat kif ġej:

"1. Jekk konvenut, li kien debitament innotifikat b'rikors, jonqos li jwieġeb għalih fil-forma u fit-termini preskritti, ir-rikorrent jista' jitlob lill-Qorti tagħti sentenza f'kontumaċja.

Din it-talba għandha tiġi nnotifikata lill-konvenut. Il-Qorti tista' tiddeċiedi li tiftaħ il-proċedura orali fuq din it-talba."

13. Dan li ġej għandu jkun miżjud bħala l-Artikolu 97a l-ġdid:

"Artikolu 97 a

1. Fuq talba tal-qorti nazzjonali, il-President jista', f'każijiet eċċezzjonali u fuq proposta ta' l-Imħallef Relatur, jiddeċiedi li japplika proċedura mħaffa li tkun tidderoga mid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regoli, fil-każ ta' rinviju għal opinjoni konsultattiva, meta ċ-ċirkustanzi invokati jixhdu l-urġenza straordinarja biex il-Qorti tiddeċiedi dwar il-kwistjoni. F'dan il-każ, il-President għandu jistabbilixxi minnufih id-data tas-seduta, li għandha tiġi nnotifikata, flimkien man-notifika tad-deċiżjoni tar-rinviju, lill-partijiet fil-kawża prinċipali u lill-persuni l-oħra interessati msemmija fl-Artikolu 20 ta' l-Istatut."

2. Il-partijiet u l-persuni l-oħra interessati msemmija fil-paragrafu preċedenti jistgħu, f'terminu stabbilit mill-President, li ma jistax ikun ta' inqas minn 15-il jum, jippreżentaw sottomissjonijiet jew osservazzjonijiet bil-miktub. Il-President jista' jitlob lill-partijiet u lill-persuni interessati kkonċernati l-oħra sabiex jillimitaw is-sottomissjonijiet jew l-osservazzjonijiet tagħhom għall-punti essenzjali ta' liġi mqajma fid-domanda rrinvijata.

3. Fil-każ li jkun hemm sottomissjonijiet jew osservazzjonijiet bil-miktub, dawn għandhom jiġu nnotifikati qabel is-seduta lill-partijiet u lill-persuni interessati l-oħra imsemmija hawn fuq.

Artikolu 2

1. Dawn l-emendi għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008.

2. L-Artikolu 35(1), kif emendat, għandu japplika fil-każijiet fejn il-perjodu mogħti lill-konvenut biex jippreżenta r-risposta ikun beda iżda jkun għadu ma skadiex.

3. Din id-Deċiżjoni, li hija awtentika fl-Ingliż, għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Supplement taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

4. Il-Qorti se tittraduċi uffiċjalment din id-Deċiżjoni fil-Ġermaniż, l-Iżlandiku u n-Norveġiż.

Il-Lussemburgu, 20 ta' Settembru 2007.

Carl BAUDENBACHER	Henrik BULL	Thorgeir ÖRLYGSSON
President	*Imħallef*	*Imħallef*

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

KUMMISSJONI

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.5240 — GE/GMT/Bigpoint)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/C 180/13)

1. Fid-9 ta' Lulju 2008, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha l-impriżi General Electric Company, l-Istati Uniti ("GE", l-Istati Uniti), u GMT Communications Partners LLP ("GMT", ir-Renju Unit) jakkwistaw, skond it-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll konġunt ta' l- impriża Bigpoint GmbH ("Bigpoint", il-Ġermanja) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet ta' negozju ta' l-impriżi kkonċernati huma:

— għal GE: attivitajiet diversifikati fil-manifattura, it-teknoloġija u servizzi ta' negozju, inkluż servizzi bankarji u ta' kreditu,

— għal GMT: fondi ta' ekwità privata,

— għal Bigpoint: l-iżvilupp u l-*hosting* ta' logħob onlajn.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' taħt ir-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni aħħarija dwar dan il-punt hija riżervata.. Skond in-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [2] għandu jiġi nnotat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jissottomettu lill-Kummissjoni l-kummenti li jista' jkollhom dwar din l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (faks nru (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5240 — GE/GMT/Bigpoint, fl-indirizz li ġej:

Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussel

---

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.
[2] ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32.

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.5154 — CASC JV)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/C 180/14)

1. Fid-9 ta' Lulju 2008, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha l-impriżi Cegedel Net S.A. ("Cegedel Net", il-Lussemburgu), proprjetà tal-grupp Cegedel, ELIA System Operator SA/NV ("ELIA", il-Belġju), EnBW Transportnetze AG ("EnBW TNG", il-Ġermanja), proprjetà tal-grupp EnBW, E.ON Netz GmbH ("ENE", il-Ġermanja), proprjetà tal-grupp EON, RTE EDF Transport SA ("RTE", Franza), proprjetà tal-grupp EDF, RWE Transportnetz Strom GmbH ("RWE TSO", il-Ġermanja) proprjetà tal-grupp RWE u ta' TenneT TSO BV ("TenneT TSO", l-Olanda) jakkwistaw fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tal-Regolament tal-Kunsill il-kontroll konġunt ta' Capacity Allocation Service Company għall-Ewropa tal-Punent Ċentrali ("CASC-CWE"), li għadha kif twaqqfet. CASC-CWE se timplimenta u topera servizzi marbuta ma' l-allokazzjoni ta' kapaċitajiet ta' trażmissjoni ta' enerġija fil-fruntieri komuni bejn il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, il-Lussemburgu u l-Olanda.

2. L-attivitajiet ta' negozju ta' l-impriżi kkonċernati huma:

— għall-impriża Cegedel Net: topera s-sistema ta' trażmissjoni ta' l-elettriku proprjetà tal-grupp CEGEDEL fil-Lussemburgu,

— għall-impriża ELIA: is-sid u l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni ta' l-elettriku fil-Belġju,

— għall-impriża EnBW TNG: is-sid u l-operatur tax-xibka ta' trażmissjoni fl-Istat Ġermaniż ta' Baden-Wurttemberg,

— għall-impriża ENE: topera s-sistema ta' trażmissjoni ta' l-elettriku proprjetà tal-grupp E.ON, mifrux fl-Istati Ġermaniżi ta' Schleswig Holstein, Bremen, is-Sassonja ta' Isfel, Hesse (parti minnu), North Rhine Westphalia (parti minnu) u l-Bavarja (ħlief għall-parti tal-Lbiċ),

— għall-impriża RTE: is-sid u l-operatur tan-netwerk ta' trażmissjoni nazzjonali fi Franza,

— għall-impriża RWE TSO: l-operatur tax-xibka ta' trażmissjoni proprjetà tal-grupp RWE li huwa mifrux l-aktar fl-Istati Ġermaniżi ta' North Rhine Westphalia, Rhineland-Palatinate, Saarland u l-parti tal-Lbiċ tal-Bavarja,

— għall-impriża TenneT TSO: l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni u l-amministratur tan-netwerks nazzjonali ta' vultaġġ għoli Olandiżi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' taħt ir-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni aħħarija dwar dan il-punt hija riżervata..

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jissottomettu lill-Kummissjoni l-kummenti li jista' jkollhom dwar din l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (faks nru (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5154 — CASC JV, fl-indirizz li ġej:

Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussel

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.5193 — Schlumberger/First Reserve/Saxon)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/C 180/15)

1. Fid-9 ta' Lulju 2008, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta għal konċentrazzzjoni skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li biha l-impriżi Schlumberger Limited ("Schlumberger", Antilles l-Olanda) u First Reserve Corporation ("First Reserve", l-Istati Uniti ta' l-Amerika) jakkwistaw, fl-ambitu tat-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll konġunt ta' l-impriża Saxon Energy Services Inc. ("Saxon", il-Kanada) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet ta' negozju ta' l-impriżi kkonċernati huma:

— għall-impriża Schlumberger: servizzi globali, marbutin mal-medda taż-zejt, għall-fornitura tat-teknoloġija, il-ġestjoni ta' proġetti u s-soluzzjonijiet ta' l-informazzjoni fl-industrija taż-żejt u tal-gass naturali,

— għall-impriza First Reserve: kumpanija ta' ekwità privata li tispeċjalizza fl-industrija ta' l-enerġija,

— għall-impriża Saxon: fornitur ta' tagħmir, prodotti u servizzi għall-appoġġ ta' l-esplorazzjoni, l-iżvilupp u l-produzzjoni taż-żejt u l-gass naturali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' taħt ir-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni aħharija dwar dan il-punt hija riżervata. Skond in-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) għandu jiġi nnotat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jissottomettu lill-Kummissjoni l-kummenti li jista' jkollhom dwar din l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu bil-faks (nru (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, bin-numru ta' referenza COMP/M.5193 — Schlumberger/First Reserve/Saxon, fl-indirizz li ġej:

Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussell

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32.

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.5202 — Triton/Altor/Papyrus Group)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/C 180/16)

1. Fit-8 ta' Lulju 2008, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha l-impriżi Triton Managers II Limited ("Triton", Jersey) u Altor Fund II GP Limited ("Altor", Jersey) jakkwistaw fis-sens ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll konġunt ta' l-impriża Papyrus AB ("Papyrus", l-Iżvezja) permezz ta' akkwist ta' ishma.

2. L-attivitajiet ta' negozju ta' l-impriżi kkonċernati huma:

— għal Triton: kumpanija ta' ekwità privata li tispeċjalizza f'kumpaniji f'pajjiżi ta' lingwa Ġermaniża u ta' l-Ewropa ta' Fuq,

— għal Altor: fond ta' ekwità privata li jispeċjalizza f'kumpaniji Nordiċi,

— għal Papyrus: kumpanija prinċipalment attiva fid-distribuzzjoni ta' karta u prodotti tal-karta fl-UE u fin-Norveġja, fost pajjiżi oħra.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' taħt ir-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni aħħarija dwar dan il-punt hija riżervata. Skond l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [2] ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jissottomettu lill-Kummissjoni l-kummenti li jista' jkollhom dwar din l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-fax (nru (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, bin-numru ta' referenza COMP/M.5202 — Triton/Altor/Papyrus Group, fl-indirizz li ġej:

Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussell

---

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.
[2] ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32.